MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) TRIBUNAL TAL-KONSUMATUR

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 2/2001/1

**Rita u Anthony Linstead**

**vs**

**C.E.F Trading Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Lulju, 2001 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fit-12 ta' Ottubru 2000 fejn ir-rikorrenti talbet refund ta' mija u disgha u sebghin Liri Maltin (Lm179) u danni morali rapprezentanti spejjez u danni li bir-rizultat tal-applikazzjoni tal-antifowling li nxtrat mid-ditta ntimata l-lanca mtliet bil-koccli. L-intimat issottometta Kontro-Talba minhabba akkuza malafamanti li r-Rikorrenti ghamel mad-ditta estera li l-intimat jirraprezenta hawn Malta.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba. Ghar-rigward il-Kontro-Talba r-rikorrenti ghamel Risposta ukoll.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti,u Charles Fardell u Stephen Micallef u wara li sema' ix-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u Charles Ellul u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:-

1. Ir-rikorrenti xtraw diversi bottijiet taz-zebgha tat-tip antifowling u wara li applikaw din iz-zebgha u l-lanca nizlet fil-bahar beda jikber il-koccli b'rata mghaggla tant li kellha tittella fuq l-art. Regghu taw l-antifowling ta' ditta ohra u din id-darba giet tajba.

2. L-intimat issottometta illi huwa impossibbli li nofs il-bottijiet kienu tajbin u n-nofs l-iehor kienu hziena u dan minhabba li nofs il-lanca biss kellha l-koccli. Di piu' li gara kien li meta r-Rikorrenti hasel id-dghajsa xarrab iz-zebgha tal-antifowling qabel ma nixfet.

3. It-Tribunal jinnota li l-vesjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli u r-ragunijiet li ta l-intimat ma humiex sodisfacenti sabiex jeskolpawh mill-htija.

Ghal dawn il-motivi:-

It-Tribunal tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mija u disgha u sebghin Liri Maltin (Lm179) bl-ispejjez kontra l-istess intimat. It-Tribunal jichad it-Talba tad-danni morali tar-Rikorrenti. It-Tribunal

jichad it-Talba tal-intimat ghad-danni morali peress li ma gab ebda provi."

Is-socjeta' intimata appellat minn din is-sentenza u kkontestat il-fatt illi l-Arbitru ma kienx jifhem fl-aspett tekniku tal-materja u/jew ma hax in konsiderazzjoni l-aspetti teknici involuti. Ressqet ukoll aggravju in kwantu ghac-cahda tal-kontro-talba taghha fuq il-bazi li t-Tribunal adit ma hax in konsiderazzjoni l-provi imressqa fir-rigward. Fuq il-motiv ta' dawn l-aggravji s-socjeta' appellanti argomentat illi t-Tribunal naqas li jsegwi r-regoli tal-gustizzja naturali.

Da parte taghhom l-appellati ssollevaw il-punt ta' l-irritwalita tal-appell billi hu biss konsentit appell lil dina l-Qorti mid-decizjoni tat-Tribunal jekk jigi allegat li dan ma jkunx mexa skond id-dettami tal-gustizzja naturali. Dan expressis kif provvdut fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 22 ta' l-Att XXVIII ta' l-1994 Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

Fil-fehma ta' din il-Qorti tenut rigward tad-disposizzjonijiet tal-ligi, essenzjalment ir-rimedju limitatissimu ta' l-appell f'kazijiet konsimili, l-appell interpost hu insostenibbli ghaliex proprju l-aggravji ma jinkwadrawx ruhhom f'dawk il-kazijiet limitati fejn kien konsentit appell lil dina l-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal. Infatti ma hemm xejn x'jindika fid-decizjoni jew fl-atti processwali li s-sentenza ta' l-Arbitru kienet tmur kontra d-dettami tal-gustizzja naturali.

Jirrizulta li z-zewg nahat inghataw l-opportunita' li jipprezentaw il-kaz taghhom u jipproducu wkoll il-provi, kif hekk ravvizat mill-preambolu ghal konsiderandi. Il-principju tal-"audi alteram partem" jinsab ghalhekk sodisfatt.

L-akkuza li t-Tribunal ma jkunx apprenda sew il-fatt jew iddecidiet il-materja fuq apprezzament zbaljata tal-istess fatti jew deherlu li ma ngiebetx l-ebda prova intiza bhala prova li tissodisfah, ma jfisserx necessarjament illi b'hekk gie vjolat xi principju ta' gustizzja naturali. Kif manifest, il-ligi tirrestringi r-rimedju ghar-raguni tassattivament elenkata fil-ligi u allura hu mistenni li l-ezercizzju ta' l-

istess rimedju jkun osservat skrupolozament u ristrett ghal din ir-raguni biss.

Gie osservat fid-decizjoni "**<u>Romina Vella –vs- Ronald Cachia (Phoenicia Laundry & Dry Cleaning</u>**", Appell, 24 ta' April 2001, illi "*din il-Qorti tara illi trid tirrispetta l-volonta' tal-poter legislattiv tal-pajjiz li ha decizjoni li jikkreja Tribunal illi ghandu funzjoni u mansjoni ferm differenti minn dik ta' qorti tal-ligi u li ghandu jiddeciedi fuq bazi ta' gustizzja sostantiva tal-kaz u skond l-ekwita' kif ukoll ghandha d-dover illi tirrispetta l-volonta' tal-Parlament meta fil-promulgazzjoni tal-Kap 378 specifikament illimita d-dritt tal-appell ghal dawk il-kazijiet fejn it-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u inoltre dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella.*"

Din il-Qorti tinnota inoltre x-xewqa tal-legislatur dwar kif hi regolata l-procedura quddiem it-Tribunal.

Hu stabbilit mill-Artikolu 23 illi l-Arbitru jirregola l-procedimenti quddiemu "*bil-mod li jahseb li jkun l-aktar xieraq ghall-finijiet li tintaghmel gustizzja, skond id-dettami tal-gustizzja naturali.*" (subinciz 1)

Tassattivament imbaghad hu <u>ghandu</u> inter alia,

(i) "*jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt bix-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jkun jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta*." (subinciz (2)(b)).

(ii) "*jiddezisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti teknici sabiex jaghtu l-parir espert taghhom .. …*" (subinciz (2)(c)).

(iii) "*m'ghandux joqghod jaghti motivi imtawwlin dwar kif ikun wasal ghad-decizjonijiet tieghu, izda jkun bizzejjed li jelenka d-dettalji ewlenin li jkun sejjes id-decizjoni tieghu fuqhom*" (subinciz 2 (d)).

Dan stabbilit, fl-opinjoni ta’ dina l-Qorti jidher li t-Tribunal, qua tribunal amministrattiv, iddispona mill-vertenza b’mod konformi mad-dettami tal-ligi. Jidher ukoll illi l-Arbitru ghamel apprezzament tal-provi prodotti. Ma kienx obbligat fl-ezercizzju ta’ dan l-istess apprezzament illi jahtar espert tekniku biex jassistih. Ukoll quddiem il-Qrati ordinarji din il-hatra tibqa’ wahda fakoltattiva u dejjem jithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant jekk jaddottax, o meno, dan ir-rimedju probatorju. Del resto wkoll fil-kaz de quo ma jirrizultax li dan ir-rimedju tan-nomina ta’ perit tekniku gie mitlub mis-socjeta’ appellanti.

Jirrizulta wkoll li l-arbitru wizen ukoll il-fatt illi ma setax jaddebita d-danni kollha reklamati mill-appellati tant li cahdilhom it-talba ghar-reklamar tad-danni morali. Kif hekk ghamel fil-kaz tas-socjeta’ appellanti. Ma jidherx, fil-fehma ta’ din il-Qorti, illi d-dokumenti esebiti jistghu jwasslu ghal prova ta’ fatt tant nociv ghall-interessi tas-socjeta’ appellanti li per konsegwenza tintitolaha tirreklama danni. Il-klijent li jixtri prodott lokali ghandu dritt iressaq il-lanjanza tieghu lid-ditta produttrici meta hu jattribwixxi d-dannu tad-difett fil-prodott. Ma jidherx, imbaghad, illi l-appellati qabzu l-limiti tar-ragjonevolezza meta ressqu l-pretiza taghhom ghar-rizarciment.

Anke jekk pero`, u dan qed jinghad “gratia argomenti” biss, kellu jigi ritenut illi bil-korrispondenza esebita s-socjeta’ appellanti hassewhom pregudikati dan mhux element li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti f’dan il-kaz partikolari stante, u kif inghad, ma tirrizulta l-ebda lezjoni ta’ xi wiehed mill-principji ta’ gustizzja naturali.

Il-Qorti taghmel in finis dan il-kumment ulterjuri. Fil-korp tat-talba tissemma’ s-somma ta’ mija u hamsa u sittin Lira Maltija (Lm165) u mhux ta’ mija u disa’ u sebghin Lira Maltija (Lm179) kif indikat fuq il-faccata tal-Avviz. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha tillimita d-danni ghall-ewwel figura bhala dik korrispondenti ghall-ammont dikjarat u pretiz.

Ghal dawn il-motivi u salv il-modifika dwar l-ammont tad-danni li qed jigu ridotti ghal mija u hamsa u sittin Lira Maltija (Lm165) l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------